**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

### Laqgħa Nru. *59/2016*

Data: Il-Ħamis, 6 t'Ottubru, 2016
Ħin: 6.30pm
Post: Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti: Alison Zerafa Civelli – *Sindku*
Ivan Agius – *Viċi Sindku*
James Cauchi – *Kunsillier*
Roderick Mamo – *Kunsillier*

Joseph Caruana – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: Noyah Spiteri – *Kunsilliera*
Alfred Attard - *Kunsillier*
Pablo Cachia Belli – *Kunsillier*

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Pagamenti – Settembru, 2016
3. Jum Bormla 2016
4. Tiżjin tal-Milied 2016
5. Christmas by the Dock 2016
6. E-Tender – KLBO 05/2016 – Provvista ta' Vettura tal-Elettriku N1.
7. Korrispondenza
8. Aġġornament

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

## Minuti – *59/2016*

### 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

*Qari u approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-minuti tal-laqgħa nru 58 ġew meħuda bħala moqrija.

Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tal-Kunsillier Roderick Mamo issekondata mill-Kunsillier James Cauchi, il-minuti ġew unanimament approvati wara votazzjoni.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

### 2. Pagamenti – Settembru 2016

*Pagamenti – Settembru 2016*

**2.1** Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Settembru, 2016.

Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tal-Kunsillier Roderick Mamo issekondata mill-Viċi Sindku Ivan Agius, il-kontijiet ġew unanimament approvati għall-pagament.

Is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u żewġ Kunsilliera ffirmaw l-iskeda.

### 3. Jum Bormla 2016

*Jum Bormla 2016*

**3.1** Wara diskussjoni, il-Kunsill approva unanimament li għal din is-sena iżomm l-istess budget bħal tas-sena l-oħra b'€150-il fuq jew 'l isfel u l-attivita' ssir fil-*warehouse* tal-baċir nru 1. Wara l-kunsill unanimament approva li Ġieħ Bormla jingħata lis-Sur Rennie Zerafa bħala attivist u fundatur ta' Puttinu Cares kif ukoll player ma' St. George's Football Club.

**3.2** Il-Kunsillier Roderick Mamo ġie mogħti l-inkarigu li jippreżenta budget u programm tal-attivita'.

## 4. Tiżjin tal-Milied 2016

*Tiżjin tal-Milied 2016*

**4.1** Wara diskussjoni il-Kunsill unanimament approva li noħorġu sejħa pubblika (kwotazzjoni) għat-tiżjin bid-dawl għal jiem tal-Milied u nagħmlu tiżjin dekorattiv ieħor bl-għajnuna tal-ħaddiema tar-Reġjun.

## 5. Christmas by the Dock 2016

*Christmas by the Dock 2016*

**5.1** Is-Sindku qrat Memo 30/2015 rigward l-Iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali għall-2016 fejn ġejna nfurmati li se ningħataw is-somma ta' €8000 għal din is-sena..

**5.2** Il-Kunsillier Roderick Mamo ġie mogħti l-inkarigu li jippreżenta budget u programm tal-attivita' u jiġi preżentat fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**5.3** Il-Kunsill unanimament approva li għal din is-sena wkoll isir party għat-tfal bil-premjijiet li jiġu mqassma minn San Niklaw.

## 6. E-Tender – KLBO 05/2016 – Provvista ta' Vettura tal-Elettriku NI

*E-Tender KLBO 05/2016*

**6.1** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-E-Tender qiegħda fi stadju finali ta' evalwazzjoni.

**6.2** Għaldaqstant il-Kunsill approva lis-Sindku Alison Zerafa Civelli bħala chairperson u lill-Viċi Sindku Ivan Agius bħala Segretarju tal-Bord tal-Għażla.

## 7. Korrispondenza

*Korrispondenza*

**7.1** <u>L-Arċipriet Kanonku Victor Cilia (05/3133/16)</u>

Il-qraba tal-mibki Kan. Victor Cilia talbu l-Kunsill biex Triq il-Gendus jinbidillha isimha u tissemma għal ħuhom ex-Arċipriet ta' Bormla għal 22 sena u fundatur tal-Kor Tota Pulchra". Talba simili kienet saret fl-2010.

Il-Kunsill approva li naraw ma' l-istreet naming committee biex jagħtuna l-istorja marbuta mal-ismijiet ta' dawn it-toroq: Triq il-Gendus, Triq Sofija, Triq Ljun, Triq l-Iskoċċiżi, Triq Hanover u Triq il-Kampnar. Wara li nirċievu din l-informazzjoni , il-każ jerġa jitressaq fil-laqgħa tal-Kunsill.

**7.2** Ħruq tan-Nar fil-Festa tal-Kunċizzjoni (05/3058/16)

Is-Sur Matthew Tonna Gilford talab no objection letter sabiex fil-festa tal-Kunċizzjoni jinħaraq in-nar tal-art u tal-ajru minn Ġnien Kottonera, Baċir Nru 1 u Sur Santa Margerita.

Il-Kunsill unanimament approva li joħroġ no objection letter sakemm ikun hemm il-permessi kollha neċessarji mill-awtoritajiet konċernati.

**7.3** Pubblikazzjoni Festa 2016 (05/3062/16)

Il-Kunsill unanimament approva li jixtri *full page colour* fil-pubblikazzjoni Festa 2016 sabiex jagħti l-awgurju lir-Residenti fil-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni.

**7.4** Citizen Community Project – 2016 (23/09/2016)

Il-Kunsill unanimament approva li jipparteċipa fis-Citizen Community Project 2016 li jikkonċerna lezzjonijiet fit-tagħlim tal-kompjuter.

**7.5** Kor Tota Pulchra (05/3033/16)

Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament approva li jdaħħal lill-Kor Tota Pulchra fil-programm ta' Jum Bormla jew Christmas by the Dock wara li ssir laqgħa mas-Surmast Direttur is-Sur Walter Tonna.

**7.6** Triq Santa Liena (05/2947/16)

Fuq talba tar-residenti ta' Triq Santa Liena biex isiru żewġ *sleeping police*, il-Kunsill unanimament approva li ssir talba għall-permess lill-Transport Malta.

**7.7** Knisja ta' Taħt l-Art u l-Kappella ta' San Ġwann t'Għuxa (05/3005/16)

Is-Sur David Caruana talab l-appoġġ tal-Kunsill għax hu applika li dawn il-kappelli jiġu skedati u restawrati. Il-Kunsill unanimament approva li niktbu lill-Ministru Dr. Owen Bonnici u nikkupjaw lill-Ministru Joe Mizzi u l-Ministru Zammit Lewis.

7.8 Attendenza tal-Kunsilliera

Is-Sindku qrat l-ittri tal-Kunsilliera assenti u l-Kunsill unanimament approva l-assenza tagħhom bħala skużabbli u ġustifikata.

## 8 Aġġornament

*Aġġornament*

**8.1** Fid-9.00pm il-laqgħa ġiet dikjarata magħluqa wara li l-agenda ġiet eżawrita u aġġornata għal Ħamis 10 ta' Novembru, 2016 fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ***Alison Zerafa Civelli*** | ***Joseph Caruana*** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: 10 ta' Novembru, 2016